# Il-karozzi jgħinuna jew jeqirduna?

Naħseb li waħda mill-affarijiet li llum il-ġurnata jagħmlu ħsara lill-ambjent huma l-karozzi. Tgħid il-karozzi jgħinuna jew jeqirduna?

Bħal kull ħaġa oħra l-karozzi għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi. Wieħed mill-vantaġġi huwa li bihom tmur fejn trid u x'ħin trid bla ma toqgħod tistenna fuq xi *stage*. Għalhekk ara kemm ħin tiffranka. Barra minn hekk  tgħabbi ġol karozza dak li trid anke affarijiet li forsi tista' tiġi bżonnhom, jiġifieri tkun qed toħodhom għal li jista' jkun.

Barra l-vantaġġi hemm l-iżvantaġġi li wieħed minnhom żgur li huwa t-tniġġis ta' l-arja. Dan it-tniġġis jagħmel ħafna ħsara lill-ambjent u lis-saħħa tan-nies. Żvantaġġ ieħor huwa li bosta persuni  jkorru serjament jew saħansitra jmutu f'inċidenti tat-traffiku. Nies oħrajn jitgħażżnu minħabba l-karozza, kullimkien biha u, b'dannu għal saħħithom, jispiċċaw ma jimxu qatt u għalhekk ma jagħmlux eżerċizzju. Minħabba f'hekk ikolli ngħid li l-karozzi qed jgħinuna imma fl-istess ħin qed jeqirduna.

Hemm xi ħwejjeġ li nistgħu nagħmlu. Ngħidu aħna kemm tkun ħaġa sewwa kieku x-xufiera jużaw petrol bla ċomb biex

inaqqsu t-tniġġis! Kemm ikunu qed jgħinu lill-oħrajn speċjalment lil dawk li jaqtgħu nifishom malajr! Hemm affarijiet oħra li jistgħu jsiru. Familja li tkun se toħroġ m'hemmx għalfejn jieħdu żewġ karozzi imma għandhom jieħdu waħda. B'hekk inaqqsu t-tniġġis.

Din kienet l-opinjoni tiegħi. Għalija l-problema li l-karozzi qed jeqirduna nistgħu nsolvuha billi nużaw ftit mill-eżempji li jien semmejt f'dan il-komponiment.